MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 237/2020 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Vincent Spiteri (K.I. 490663M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fl-20 ta' Frar, 2023, fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimat **Vincent Spiteri**, u

ddikjarat l-azzjoni preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti tat bidu għal proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, fejn talbet li l-intimat jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' sitt elef Euro u ħames ċenteżmi (€6,000.05) rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax imħallsa minnha għan-nom tiegħu, kif kienet obbligata tagħmel skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan in segwitu għal deċiżjoni taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fl-ismijiet **Citadel Insurance plc et noe *vs.* Vincent Spiteri u s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, li interveniet fil-kawża wara digriet tal-21 ta' April, 2015**. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz ta' sentenza tat-8 ta' Novembru, 2019. Il-kawża kienet dwar inċident awtomobilistiku li seħħ fis-17 ta' April, 2012 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fiż-żona magħrufa bħala Apron 9 fil-Gudja, meta l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura targata DGY 078. Is-soċjetà rikorrenti qalet li t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assigurazzjoni ma ġewx osservati mill-intimat, u għalhekk ma kienx kopert bil-polza relattiva, u dan stante li l-polza kienet teskludi "*that part of an aerodrome or airport provided for the take-off or landing of aircraft on the surface, aircraft parking aprons including the associated service roads and ground equipment parking areas and those parts of passenger terminals which come within the customs examination area.*"

3. Fir-risposta tiegħu, l-intimat wieġeb li l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li

għalhekk it-talbiet tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Sussegwentement, l-intimat ressaq eċċezzjoni ulterjuri u ta' natura preliminari, fejn qal li l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal ukoll li eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, inkluż fl-appell.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-intimat, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Illi permezz tal-azzjoni odjerna, is-soċjetà rikorrenti qed titlob l-irkupru ta' sorte, spejjeż legali u imgħax li ħallset lil terzi in segwitu għal-lodo arbitrali datat il-11 ta' Ottubru, 2017 (M4247/2015SC) kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-8 ta' Novembru, 2019. F'dawk il-proċeduri, l-intimat instab responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-17 ta' April, 2012 fis-19:00 hrs ġewwa "Apron 9" tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bejn il-vettura tal-intimat u l-vettura tat-terz Julian Briffa, li kien assigurat mas-soċjetà Citadel Insurance p.l.c.*
>
> *Illi skont ma jirriżulta mill-prospett ippreżentat minn Andrea Bondin (fn. 1 Ara dok. AB1 a fol. 32 tal-atti proċesswali), is-soċjetà rikorrenti ħallset lis-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. is-somma totali ta' €5,773.29 in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) suriferita. Dan il-pagament sar in adempiment tal-obbligi legali tas-soċjetà rikorrenti emanenti mill-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi b'hekk, is-soċjetà odjerna hija,* sic et simpliciter, *azzjoni ta' rivalsa tas-soċjetà rikorrenti fuq l-assikurat tagħha stante li, skont hi, fil-mument meta seħħ l-inċident hu ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni billi kiser il-klawsola numru 4 tal-"*Exceptions to Section II of your Policy" *taħt* "Section II – Liability to Third Parties" (*fn. 2 ara fol. 41 a tergo tal-atti proċesswali) peress li kien f'żona eskluża mill-polza, ossija f'żona riservata għall-immaniġġjar tal-ajruplani.*

*Illi da parti tiegħu, l-intimat laqa' għal din l-azzjoni billi eċċepixxa, fost l-oħrajn, il-preskrizzjoni kwinkennali ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fl-ewwel lok, qabel ma din il-Qorti tindaga l-mertu tal-eċċezzjoni mogħtija mill-intimat, il-Qorti għandha tistħarreġ jekk il-formalitajiet stabbiliti mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġewx osservati mill-intimat għaliex fin-nuqqas ta' osservanza tagħhom, il-Qorti hija prekluża milli tistħarreġ ulterjorment l-eċċezzjoni mressqa.*

*Illi l-artikolu 2160 jistipola li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni odjerna m'għandux ikollha effett jekk il-parti li teċċepiha, ċioe l-intimat, ma jagħtix ġurament minn jeddu waqt il-kawża li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Illi din hija proċedura relattivament ġdida (fn. 3 introdotta bl-Att 1 tal-2017 u emendata bl-Att VIII tal-2017) u l-Qrati tagħna diġà kellhom okkażjoni jeżaminaw l-aspetti formalistiċi u legali tagħha. (fn. 4 ara f'dan is-sens: **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 16 ta' Frar, 2018 (Rik. Ġur. Nru. 279/2017), **Ruth Scicluna vs Deluxe Construction Co. Ltd.**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 18 ta' Novembru, 2020 (App. Nru. 258/2017) u **Mark Schembri & Sons Ltd vs Margareth Mangion et**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 6 ta' Frar, 2023 (Rik. Ġur. Nru. 335/2020) fost l-oħrajn).*

*Illi kemm fl-affidavit tiegħu (fn. 5 ara dok. "VS1" a fol. 13 tal-Atti proċesswali) kif ukoll fix-xhieda tiegħu (fn. 6 ara x-xhieda mogħtija fid-29 ta' April, 2022 a fol. 24 et seq tal-atti proċesswali) l-intimat jinsisti illi tul dawn l-għaxar snin minn meta seħħ l-inċident, hu qatt ma rċieva xejn mis-soċjetà rikorrenti għajr għal Jannar 2021 fejn irċieva l-atti tal-kawża odjerna. Jikkonferma fl-affidavit tiegħu illi l-kawża fil-konfront tiegħu hija llum preskritta* "peress li għadda ħafna żmien".

*Illi b'din id-dikjarazzjoni, il-Qorti hija sodisfatta li l-formalità rikjesta mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sodisfatta u b'hekk il-Qorti tista' tkompli tistħarreġ l-eċċezzjoni mressqa.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi l-eċċezzjoni odjerna qed tingħata abbażi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipula:*

> **2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin:
> ... *omissis* ...

(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

*Illi mill-atti tal-kawża, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għall-fattispeċie tal-każ. Illi għandu jiġi puntwalizzat li l-ġurisprudenza nostrana hija llum-il ġurnata kostanti illi d-danni riżultanti f'materji ta' ksur ta' kondizzjoni ta' polza assikurattiva huma danni* ex-contractu *u għaldaqstant il-perijodu preksrittiv applikabbli huwa dak kwinkennali ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, aktar milli l-perijodu preskrittiv biennali ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Illi a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tagħmel referenza pjena għas-sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Hugh P Zammit noe et noe v. John Mifsud et*** *(fn. 7* **Hugh P. Zammit noe et noe vs John Mifsud et**, *Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 ta' April, 2005, (Appell Ċiv. Nru. 2256/1998/1) liema sentenza daħlet* in profundis *fuq l-aspetti legali ta' ċirkostanzi bħalma huma dawk odjerni u l-varji xenarji applikabbli.*

*Ikkonsidrat;*

*illi ġialdarba ġie stabbilit dan, imiss issa li l-Qorti teżamina jekk il-perijodu preskrittiv ta' ħames snin effettivament iddekorriex jew le. Illi kif diġà sopra msemmi, l-intimat iddikjara bil-ġurament tiegħu illi minn dakinhar tal-inċident awtomobilistiku sal-lum, hu qatt ma rċieva ittra uffiċjali mis-soċjetà rikorrenti u l-ewwel darba li sema' mingħandha fir-rigward ta' dan l-inċident kien proprju meta rċieva l-atti tal-preżenti kawża. In kontro-eżami, madanakollu, minkejja li l-intimat ġie muri ittra uffiċjali maħruġa ai termini tal-Artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Ittra Nru. 1179/2020) datata t-30 ta' Ġunju, 2020 (fn. 8 ara Dok. "AB16" a fol. 113 tal-atti proċesswali), hu qatt ma nnega li rċevieha. Mir-riferta tal-ittra, madanakollu, jirriżulta ċar li din l-ittra ġiet* "refused" *fil-15 ta' Lulju, 2020. (fn. 9 ara r-riferta a fol. 137 tal-atti proċesswali)*

*Ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Andrea Bondin (fn. 10 ara x-xhieda mogħtija fid-29 ta' April, 2022, a fol. 21 et seq tal-atti proċesswali) ippreżenta sett ta' dokumenti (fn. 11 ara minn Dok. "AB1" sa "AB16" a fol. 32 et seq) inklużi d-dokumentazzjoni kollha relattiva għall-arbitraġġ u l-proċeduri sussegwenti li jsawru l-bażi tal-azzjoni odjerna. Mill-provi prodotti, jirriżulta s-segwenti:*

- *17 ta' April, 2012: seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri;*

- *8 ta' Mejju, 2012: is-soċjetà rikorrenti, wara li rċeviet komunikazzjoni mis-soċjetà assikuratriċi tat-terza parti, kitbet lill-intimat fejn talbitu jiftaħ il-*claim *relattiva;*
- *16 ta' Mejju, 2012: l-intimat jiftaħ il-*claim *mas-soċjetà rikorrenti u jikkontesta r-responsabbilità tal-inċident. Hemm hu ġie informat mis-soċjetà rikorrenti li mhuwiex kopert bil-polza tal-assikurazzjoni;*
- *16 ta' Jannar, 2015: is-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. u t-terza parti Julian Briffa ssottomettew proċeduri arbitrali kontra Vincent Spiteri;*
- *21 ta' April, 2015: is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited intervjeniet* in statu et terminis *fil-proċeduri arbitrali;*
- *11 ta' Ottubru, 2017: jingħata l-Lodo Arbitrali fejn l-intimat Vincent Spiteri jinstab unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku;*
- *25 ta' Ottubru, 2017: l-intimat Vincent Spiteri jappella mil-Lodo Arbitrali;*
- *8 ta' Novembru, 2019: il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tiċħad l-appell u tikkonferma l-Lodo Appellat;*
- *30 ta' Ġunju, 2020: is-soċjetà rikorrenti bagħtet ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166 A lill-intimat, liema ittra ġiet rifjutata mingħandu;*
- *3 ta' Diċembru, 2020: is-soċjetà rikorrenti ssottomettiet il-preżenti proċeduri.*

*Illi minn dan it-*timeline *jirriżulta ċar u ampju li l-ewwel darba li kien hemm intimazzjoni legali da parti tas-soċjetà rikorrrenti versu l-intimat kien fit-30 ta' Ġunju, 2020, ċioe aktar minn* ***<u>tmien snin wara</u>*** *li seħħ l-inċident awtomobilistiku.*

*Illi huwa loġiku li l-*punctum temporis *ta' minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-ħames snin preskrittivi huwa ta' importanza kbira għas-suċċess* o meno *tal-eċċezzjoni tal-intimat. Hawnhekk, il-Qrati tagħna huma diverġenti fil-ħsieb tagħhom. Jidher li tradizzjonalment, id-direzzjoni l-aktar abbraċċjata hija li l-perijodu preskrittiv għandu jibda jiddekorri mill-mument li s-soċjetà assikuratriċi setgħet teżerċita l-azzjoni tagħha kontra l-assikurat tagħha. (fn. 12 Ara f'dan is-sens GasanMamo Insurance Limited vs Dennis-Charles sive Dennis Falzon, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 22 ta' Ġunju, 2016 (Rik. Ġur. Nru. 613/2013), Elmo Insurance Limited vs Saviour Camilleri et, Qorti tal-Maġistrati (Malta) 8 ta' Novembru, 2018). Dan il-mument ġie deskritt bħala l-mument meta jkun hemm deċiżjoni* res judicata *li permezz tagħha, soċjetà assikuratriċi tkun obbligata tħallas id-danni kkawżati mill-assikurat tagħha ai termini tal-liġi, peress li l-azzjoni ta' rivalsa tkun qed tistenna l-eżitu tal-azzjoni sussidjarja tad-determinazzjoni tar-responsabbilità għall-inċident. (fn. 13 Ara f'dan is-sens* ***Paolo Koludrovich vs Carmelo Muscat****, Qorti tal-Appell (Kummerċjali), 1 ta' Ġunju, 1950,*

*għalkemm fuq kwistjoni ta' kera, il-punt diskuss f'din is-sentenza kien, inter alia, l-effett tal-istennija ta' proċeduri sussidjarji fuq il-preskrizzjoni tal-azzjoni prinċipali).*

*Illi l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) madankollu, biddlet għal kollox din id-direzzjoni permezz tas-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited vs Mario Seguna et****. (fn. 14* ***GasanMamo Insurance Limited vs Mario Seguna et****, Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri), 1 ta' Diċembru, 2021 (Ċitazz. Nru. 404/12/1)). Illi fis-sentenza erogata mill-Qorti tal-ewwel istanza (fn. 15* ***GasanMamo Insurance Limited vs Mario Seguna et****, Qorti Ċivili, Prim'Awla 9 ta' Marzu, 2016, (Ċitazz. Nru. 404/12 AF) – appellata), il-Qorti Ċivili, Prim'Awla irriteniet illi t-terminu ta' ħames snin ma bediex jiddekorri qabel ma s-soċjetà hemm rikorrenti ħallset lil terzi. Illi din il-pożizzjoni ġiet kapovoltata mill-Qorti tal-Appell billi ġie ritenut illi l-perijodu preskrittiv għandu jibda jiddekorri mill-mument li s-soċjetà assikuratriċi saret taf bil-kawża kontra l-assikurat tagħha. Illi għall-aħjar intendiment, din il-Qorti ser tirriproduċi l-brani saljenti:*

> "17. Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti in kwantu rriteniet li t-terminu ta' ħames snin ma setax beda jiddekorri qabel ma sar il-ħlas da parti tas-soċjetà attriċi. Il-preskrizzjoni invece tibda tiddekorri fil-mument li s-soċjetà assikuratriċi, ġiet a konoxxenza tal-kawża li **Alfred Mallia et v. Carmel Seguna et** (Ċit. Nru. 248/2003).
>
> 18. Permezz tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Marzu, 2003, it-terz għarraf lis-soċjetà attriċi bil-kawża li kien qed jintavola dakinhar stess. Kien fil-mument li hija ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali li saret taf bil-kawża, u allura bil-fatt li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Ma kienx il-każ allura li s-soċjetà attriċi tistenna l-eżitu tas-sentenza relattiva, wisq anqas li tistenna li tkun għamlet il-pagament lit-terz konsegwenti l-ottjeniment tas-sentenza, sabiex hija tieħu azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Hija messha b'ittra uffiċjali interpellat lill-assikurat tagħha bl-intendiment tagħha li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha tagħmel tajjeb hi għad-danni li sofra t-terz abbażi tas-sentenza u tal-Kap. 104. **Dan ma jirriżultax li għamlitu.**"

*Illi b'hekk jidher li l-pożizzjoni l-aktar riċenti in materja hi li l-bidu tal-għadd tal-perijodu preskrittiv fir-rigward tal-azzjoni tar-rivalsa m'għandux jistenna l-eżitu ta' azzjonijiet sussidjarji jew ta' pagamenti lil terzi mis-soċjetà assikuratriċi, iżda għandu jiskatta mill-mument li s-soċjetà assikuratriċi ssir taf bl-inċident 'il quddiem.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fil-każ* de quo, *jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti saret taf bl-inċident awtomobilistiku de quo fit-8 ta' Mejju, 2012 tramite l-komunikazzjoni li rċeviet mill-aġenzija assikuratriċi tat-terza parti (fn. 16 ara Dok. "AB2" a fol. 34 tal-atti proċesswali) u jirriżulta li dakinhar stess is-soċjetà rikorrenti kitbet lill-intimat. Fil-fatt, l-intimat fetaħ il-*claim *tiegħu fis-16 ta' Mejju, 2012 u hemmhekk ġie informat illi hu ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni tiegħu. Illi di più, jirriżulta li fil-21 ta' Jannar, 2015, l-istess soċjetà rikorrenti rċeviet ittra uffiċjali mingħand is-soċjetà assikuratriċi Citadel Insurance plc ai termini tal-Artikolu 10(2)(a) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġiet informata bil-proċeduri arbitrali rispettivi. Illi fil-fatt, l-istess soċjetà rikorrenti interveniet* in statu et terminis *f'dawk il-proċeduri sabiex tiddefendi wkoll l-interessi tagħha.*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti saret taf bl-inċident* de quo *fit-8 ta' Mejju, 2012 u mill-ewwel kienet taf li l-assikurat tagħha ma kien se jkun kopert bil-polza tal-assikurazzjoni. Illi b'hekk, in segwitu għat-tagħlim riportat fis-sentenza* ***GasanMamo Insurance Limited vs Mario Seguna et****, hawn riportata, hija* <u>*din id-data*</u> *tat-8 ta' Mejju, 2012 li għandha titqies bħala d-data minn meta skatta l-perijodu preskrittiv fil-każ* de quo. *Illi di più ma jirriżultax li bejn il-perijiodu tat-8 ta' Mejju, 2012 sat-8 ta' Mejju, 2017 is-soċjetà rikorrenti interpellat jew b'xi mod kisret il-perijodu preskrittiv ai termini tal-Artikoli 2128 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġjiet ta' Malta u b'hekk jirriżulta li l-proċeduri odjerni, anke jekk wieħed kellu jagħti każ tal-ittra uffiċjali datata t-30 ta' Ġunju, 2020, huma ormaj preskritti.*

***Decide:***

*Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat Vincent Spiteri u tiddikjara l-proċediment bħala preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Ittra Uffiċjali datata t-30 ta' Ġunju, 2020 (Ittra Nru. 1179/2020) ikunu a karigu esklussiv tas-soċjetà rikorrenti."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà rikorrenti fit-22 ta' Marzu, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat fejn eċċepixxa l-preskrizzjoni abbażi tal-artikolu 2156(f)

tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża, u tibgħat l-atti tal-kawża lura quddiem l-Ewwel Qorti.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li fis-17 ta' April, 2012, seħħ inċident awtomobilistiku fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn l-intimat, hawnhekk l-appellat, kien qiegħed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DGY 078 li kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa minnha. Qalet li b'sentenza finali tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Novembru, 2019, ġie stabbilit li l-appellat kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni. Fit-30 ta' Ġunju, 2020, is-soċjetà appellanta bagħtet ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbet rifużjoni tal-flus imħallas minnha stante li l-appellat kiser il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija, għaliex il-polza kienet espressament teskludi s-sewqan tal-vettura f'ċerti żoni tal-ajruport. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat irrifjuta din l-ittra. Fit-3 ta' Diċembru, 2020, l-appellanta fetħet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u kien hemmhekk fejn l-appellat eċċepixxa l-preskrizzjoni kwinkennali *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili permezz ta' risposta ulterjuri, u b'sentenza tal-20 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u permezz ta' sentenza preliminari, iddikjarat li l-proċediment odjern kien preskritt.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li l-aggravju tagħha huwa ċar, u dan għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-appellat abbażi tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, u li l-liġi f'dan is-sens ġiet applikata b'mod skorrett.

8. Qalet li fil-każ in eżami, il-preskrizzjoni bdiet tapplika minn meta hija ħallset lit-terz danneġġjat, wara li l-appellat instab responsabbli tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni permezz tas-sentenza tat-8 ta' Novembru, 2019, filwaqt li l-appellat isostni li l-preskrizzjoni fl-azzjoni odjerna bdiet tiddekorri minn meta s-soċjetà appellanta ġiet a konoxxenza tal-inċident awtomobilistiku. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li għal bosta snin il-Qrati tagħna kienu jaqblu mal-pożizzjoni adottata minnha f'dawn il-proċeduri, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *vs.* Mario Seguna et**[1] [hawnhekk 'is-sentenza ta' Seguna'] bidlet għal kollox din il-pożizzjoni. Qalet li jekk il-pożizzjoni li ttieħdet fis-sentenza ta' Seguna tibda tiġi applikata f'kawżi ta' rivalsa, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri proprju minn meta l-assiguratur jiġi a konoxxenza tal-inċident relattiv, u mhux wara li l-assiguratur jkun ħallas lit-terz danneġġjat wara li l-assigurat tiegħu jinstab responsabbli għall-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma taqbel xejn ma' din il-pożizzjoni, u din il-pożizzjoni ma ssib l-ebda konfort fil-liġi u lanqas fil-prinċipji ġurisprudenzjali u dottrinali applikabbli għall-materja in eżami, u hemm possibilità li jinħoloq preċedent perikoluż mhux biss għas-sistema ġuridika tagħna, imma anki fis-settur tal-assigurazzjoni u tal-inċidenti awtomobilistiċi.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li jekk wieħed jeċċepixxi bħala linja difensjonali, il-preskrizzjoni estintiva, sta għalih biex jiċċita l-liġi l-korretta applikabbli għall-każ, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit il-*punctum temporis* li fih beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv relattiv, u sabiex jipprova li t-terminu preskrittiv verament għadda. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-oneru

[1] Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri), 01.12.2021 (Ċitazz. Nru. 404/12/1).

jinkombi fuq l-eċċipjent tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sabiex jipprova l-eċċezzjoni tiegħu u biex jissodisfa l-elementi kollha fil-liġi, u din l-eċċezzjoni tkun tista' tirnexxi. Qalet li huwa paċifiku wkoll, skont każistika tal-Qrati tagħna, li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta u restrittiva, u f'każ ta' dubju, din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda. Qalet li huwa prinċipju kardinali tal-istitut tal-preskrizzjoni, li l-eċċipjent tal-eċċezzjoni għandu juri b'mod sodisfaċenti għall-Qorti l-*punctum temporis* li fih beda jiddekorri t-terminu preskrittiv relattiv, u sabiex jistabbilixxi l-mument fattwali preċiż li fih beda jiddekorri t-terminu preskrittiv applikabbli għall-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li maż-żmien żviluppat il-massima *contra non valentem agere non currit praescriptio,* u li l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri jekk ir-rikorrent prospettiv ikun prekluż milli jressaq l-azzjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li l-applikabilità *o meno* ta' dan il-prinċipju, u l-konsegwenti sejbien tal-*inceptio prescriptio* fl-azzjoni odjerna, huma dejjem il-pern tal-vertenza in diżamina, u l-kwistjoni prinċipali li għandha tiġi determinata minn din il-Qorti.

10. Qalet li f'każ li l-kreditur ma jistax jaġixxi kontra d-debitur tiegħu, ġeneralment il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri sakemm il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jipproċedi ġudizzjarjament. Qalet li din hija eċċezzjoni għar-regola li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-ġurnata tal-inċident jew tal-fatti li jagħtu lok għall-azzjoni relattiva, u għalhekk dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b'mod restrittiv. Qalet li mhux kull impediment huwa meqjus bħala validu sabiex tiġi applikata r-regola *contra non valentem agere non currit praescriptio,* u filwaqt li hemm skola ta' ħsieb li tgħid li huwa biss meta wieħed ikun prekluż milli jaġixxi kontra d-debitur tiegħu minħabba impediment ta' dritt, impediment legali jew

ġudizzjarju li l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri, hemm awturi bħal Laurent li jgħidu li huma biss l-impedimenti espressament rikonoxxuti mil-liġi li jistgħu jagħtu lok għal din ir-regola. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn it-teoriji jeskludu kull possibilità li impediment ta' fatt ikun biżżejjed sabiex tiskatta l-applikazzjoni ta' din ir-regola. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa stabbilit fis-sistema legali tagħna li impediment ta' dritt, jiġifieri wieħed legali jew ġudizzjarju, huwa suffiċjenti biex jingħad li l-preskrizzjoni ma tkunx bdiet tiddekorri, filwaqt li hemm element ta' inċertezza jew eżitazzjoni dwar jekk impediment ta' fatt għandux jikkostitwixxi impediment sodisfaċenti għal dan il-għan.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li r-regola li l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri jekk id-dritt ta' azzjoni jkun għadu ma twelidx, mhux biss hija rikonoxxuta fis-sistema tagħna, iżda hija kkodifikata u kristallizzata fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, li jirregola li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Qalet li din l-istess regola hija riflessa fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li r-regola trasposta fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, mhijiex imfassla speċifikament għall-Kodiċi Ċivili tagħna, iżda hija regola li ilha tiġi applikata u hija mħaddna minn diversi awturi, fosthom Baudry Lacantinerie, Tissier u Laurent.

12. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li hawnhekk huwa importanti li jiġi definit x'ifisser it-twelid ta' dritt ta' azzjoni għall-finijiet tad-dekorrenza tal-preskrizzjoni, għaliex jeżistu skejjel ta' ħsieb differenti anki f'dan ir-rigward. Qalet li minkejja n-nuqqas ta' uniformità u ċertezza fuq din it-tematika, huwa biżżejjed għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern, li tiġi segwita l-pożizzjoni li huwa l-ħolqien ta' stat ġuridiku ġdid li joħloq id-dritt ta' azzjoni, b'dan illi l-preskrizzjoni

tibda tiddekorri mill-mument li l-istat ġuridiku jiġi kostitwit. Qalet li t-test li trid tagħmel il-Qorti biex jiġi stabbilit jekk il-pronunzjament ġudizzjarju joħloqx stat ġuridiku ġdid *o meno,* huwa li tara jekk il-kreditur kienx legalment u proċeduralment prekluż milli jistitwixxi proċeduri qabel jinqata' proċediment ieħor. Kompliet tgħid li fl-isfera ta' inċidenti awtomobilistiċi, u tal-assigurazzjoni, huwa ben magħruf li f'inċident wieħed jista' jkun hemm numru ta' partijiet, relazzjonijiet, u drittijiet ta' azzjoni differenti bejn l-istess partijiet. Qalet li l-azzjoni odjerna hija dik ta' rivalsa, fejn l-assiguratur ifittex ir-rimbors jew ir-radd lura tal-flus li jkun ħareġ *ai termini* tar-rabta kuntrattwali li għandu mal-assiguratur, u d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Kompliet tgħid li, in forza ta' din ir-relazzjoni, l-assigurat ikun kopert minn polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-assiguratur, b'dan illi meta l-assigurat jinstab responsabbli għal inċident kopert bl-artikolu 4(1) tal-istess Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-assiguratur għandu jħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, is-somma flus li għandha titħallas bis-saħħa tal-imsemmija sentenza dwar ir-responsabbilità. Is-soċjetà appellanta qalet li l-azzjoni ta' rivalsa hija waħda li ta' bilfors issegwi l-ħlas min-naħa tal-assiguratur *ai termini* tal-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan mhux kunċett partikolari għas-sistema ġuridika tagana, iżda huwa rifless ukoll f'direttivi tal-Unjoni Ewropea, senjatament dik numru 2009/103 "*relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and the enforcement of the obligation to insure against such liability*".

13. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-azzjoni ta' rivalsa għalhekk mhijiex marbuta strettament mal-inċident awtomobilistiku *per se,* u mar-

responsabbilità akwiljana li toħroġ mill-istess inċident. Qalet li l-azzjoni ta' rivalsa si tratta ta' azzjoni naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali bbażata parzjalment fuq inadempjenza kuntrattwali. Qalet li jintuża t-terminu 'parzjalment' għaliex mhijiex biss l-inadempjenza tal-assigurat, in vista tar-relazzjoni li għandu mal-assiguratur u l-*policy* relattiva, li tagħti dritt għall-azzjoni, iżda jeħtieġ li jiġu sodisfatti elementi ulterjuri qabel jitwieled id-dritt tal-azzjoni. Spjegat li dawn jinkludu l-għoti ta' sentenza fejn l-assigurat jinstab responsabbli għall-inċident permezz ta' pronunzjament ġudizzjarju, u li l-assiguratur iħallas lill-persuni li favur tagħhom ingħatat is-sentenza, kull somma flus li l-assigurat ġie kkundannat iħallas permezz ta' dik is-sentenza. Kompliet tgħid li huwa biss wara li jiġu sodifatti dawn ir-rekwiżiti kumulattivi, li jitwieled id-dritt ta' azzjoni tal-assiguratur għar-rimborż tal-flus li jkun ħareġ.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li jsegwi li qabel isir il-ħlas relattiv lit-terz danneġġjat mill-assiguratur *ai termini* tal-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jkun hemm l-ebda somma dovuta lill-assiguratur, u dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda jedd li jħallih jipproċedi kontra l-assigurat tiegħu. Qalet li għalhekk għandu jkun ċar li huwa l-ħlas ikkontemplat fl-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 li joħloq id-dritt ta' azzjoni f'każ bħal dan. Is-soċjetà appellanta spjegat li tenut kont tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili u l-massimi legali *contra non valentem agere non currit praescriptio* u *actionae non natae non praescribitur*, u r-regoli li jistabbilixxu il-*punctum temporis* speċifiku li fih tibda tiddekorri l-azzjoni tal-preskrizzjoni f'każ bħal dan, għandu jitqies bħala l-mument meta l-assiguratur iħallas lit-terz iddanneġġjat *ai termini* tal-artikolu 10(1) u l-proviso tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 104, għaliex huwa f'dak il-mument li jinħoloq stat

ġuridiku ġdid bejn l-assiguratur u l-assigurat tiegħu, u fejn jitwieled id-dritt tal-azzjoni tal-assiguratur relattiv. Qalet li qabel dan il-mument, l-assigurat huwa legalment u ġudizzjarjament prekluż milli jfittex lill-assigurat għal kwalsiasi somma f'dan il-kuntest, għaliex l-ebda ammont ma jkun dovut lilu.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk id-domanda li trid tagħmel din il-Qorti hija, x'kien il-*punctum temporis* speċifiku meta s-soċjetà appellanta setgħet tipproċedi kontra l-appellat? Qalet li dan il-punt għandu jkun meta l-assiguratur iħallas lit-terz iddanneġġjat, wara li l-appellat jinstab responsabbli għad-danni mġarrba mit-terz iddanneġġjat. Qalet li kieku hija ppproċediet qabel dan il-punt, aktarx li kienet tqum l-eċċezzjoni li hija aġixxiet intempestivament u kienet tkun qiegħda tibbaża ruħha fuq dritt li jkun għadu ma avverax ruħhu.

16. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti għandha tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta stabbiliet li l-*inceptio prescriptio* fil-każ in diżamina kien il-mument li fih is-soċjetà appellanta ġiet a konoxxenza tal-proċediment bejn l-appellat u t-terz danneġġjat, u dan kellu jkun il-mument meta s-soċjetà appellanta ħallset lit-terz iddanneġġjat abbażi tal-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li għalhekk din l-azzjoni mhijiex preskritta, u l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-appellat.

17. Is-soċjetà appellanta qalet li s-sentenza appellata tirrikonoxxi l-fatt li l-konklużjoni tagħha tiddipartixxi mil-linja ġurisprudenzjali li kienet stabbilita għal żmien twil, qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Seguna. Żiedet tgħid li hija ma

taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u mal-mod kif din waslet għad-deċiżjoni tagħha, u qalet li r-raġunament tagħha huwa bbażat fuq applikazzjoni skorretta tal-liġi. Dan għaliex fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta kellha tipproċedi kontra l-appellat meta skopriet li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha, u mhux meta setgħet tipproċedi, fattwalment jew legalment, kontra l-assigurat, hawnhekk l-appellat. Qalet li l-pożizzjoni meħuda fis-sentenza ta' Seguna, u fis-sentenza tal-Ewwel Qorti [flimkien 'iż-żewġ sentenzi'], hija li d-dritt ta' azzjoni tal-assiguratur f'din il-kawża ma twelidx mal-ħlas tal-obbligi *ai termini* tal-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta nħoloq stat ġuridiku ġdid bejn il-partijiet wara l-imsemmi ħlas, imma li l-azzjoni hija waħda ta' inadempjenza kuntrattwali, u l-assiguratur fil-każ odjern ma kellux jistenna l-eżitu tal-proċediment dwar ir-responsabbilità akwiljana, biex tipproċedi ġudizzjarjament kontra l-assigurat. Kompliet tgħid li r-raġunament taż-żewġ sentenzi huwa li l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mhux minn meta twieled id-dritt ta' azzjoni a tenur tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, iżda minn meta l-appellanta ġiet a konoxxenza tal-fatt li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni, jiġifieri qabel ma twieled l-istess dritt. Qalet li għalhekk il-Qorti rrikonoxxiet li d-dritt tal-azzjoni odjern kien għadu ma twelidx meta l-assiguraturi rispettivi ġew a konoxxenza tal-proċedimenti dwar l-inċident in kwistjoni, iżda minkejja dan ikkonkludiet li t-terminu preskrittiv beda jiddekorri proprju qabel twieled id-dritt ta' azzjoni.

18. Is-soċjetà appellanta qalet li fattur ieħor ikkunsidrat fis-sentenza appellata, kien li is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Seguna, qiegħda tirrikonoxxu l-prinċipju *contra non valentem agere non currit prescriptio,* u dan

għaliex skont dawn is-sentenzi, it-terminu preskrittiv applikabbli jibda jiddekorri mhux minn meta jseħħ l-inċident, iżda minn meta l-assiguratur jiġi a konoxxenza li seħħ l-inċident. Qalet li r-regola ġenerali hija li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li jseħħ l-inċident, u fi kwalunkwe każ fejn il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri minn din il-ġurnata, dan jammonta għal eċċezzjoni għal dan il-prinċipju. Qalet li b'din il-pożizzjoni, l-Ewwel Qorti qiegħda tagħti effett lil din l-eċċezzjoni abbażi ta' impediment ta' fatt, jiġifieri li l-assigurat ma jkunx konsapevoli li seħħ l-inċident in kwistjoni, mentri fl-istess waqt qiegħda tirrifjuta li tirrikonoxxi l-applikabilità ta' impediment ta' dritt li tipprovdi għalih il-liġi stess. Qalet li minkejja dan, il-każistika tal-Qrati tagħna tindika li impedimenti ta' dritt, speċjalment ta' dawk id-drittijiet rikonoxxuti mil-liġi, dejjem għandhom iwaqqfu d-dekorrenza tal-preskrizzjoni, mentri hemm inċertezza dwar jekk kwalsiasi impediment ta' fatt għandux jiġi rikonoxxut għal dan l-iskop.

19. Is-soċjetà appellanta tikkontendi wkoll li fis-sentenza ta' Seguna ma kienx hemm raġuni serja jew valida li tiġġustifika t-tluq mill-ġurisprudenza u min-normi stabbiliti preċedentement, u żiedet tgħid li s-sentenza ta' Seguna ser toħloq preċedent serju għall-industrija tal-assigurazzjoni, li ser tiġi ppreġudikata bil-pożizzjoni meħuda f'dik is-sentenza.

20. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li kemm is-sentenza ta' Seguna, kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti li minnha sar l-appell odjern, jistgħu jwasslu għal implikazzjonijiet koroh fuq livell proċedurali. Qalet li fis-sentenza ta' Seguna, il-Qorti tal-Appell tat x'tifhem li s-soċjetà assiguratriċi kellha tibgħat ittra uffiċjali qabel twieldet l-azzjoni ta' rivalsa, sabiex tissalvagwardja ruħha f'dak is-sens. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fehma tagħha, il-funzjoni ta' att ġudizzjarju bħal

ma hija ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, assolutament mhijiex sabiex wieħed jinforma lil xi ħadd bl-intenzjoni tiegħu li jipproċedi ġudizzjarjament fil-konfront tiegħu, jekk ikollu jieħu azzjoni kontra tiegħu fil-futur. Hawnhekk s-soċjetà appellanta staqsiet x'jiġri mil-lat proċedurali jekk l-assigurat li jirċievi ittra uffiċjali bħal din jippreżenta azzjoni ta' jattanza kontra l-assiguratur kif ikollu dritt li jagħmel jekk jirċievi att ġudizzjarju a tenur tal-artikolu 403 tal-Kap. 12. Qalet li l-assiguratur ikollu tliet xhur biex iressaq il-pretensjoni tiegħu ta' rivalsa, iżda jaf ikun il-każ li l-kawża dwar id-determinazzjoni tar-responsabbilità tal-assigurat tkun għadha *sub judice,* u għalhekk id-dritt ta' azzjoni jkun għadu ma twelidx. Is-soċjetà appellanta staqsiet x'għandu jiġri f'każijiet bħal dawn? Kompliet tgħid li hemm diversi permutazzjonijiet li jistgħu javveraw ruħhom f'xenarji bħal dawn, u huwa għalhekk li din il-Qorti m'għandhiex tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, iżda għandha tadotta l-pożizzjoni li kienet ormai ikkristalizzata fil-ġurisprudenza tagħna qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Seguna.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

21. L-appellat wieġeb li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-20 ta' Frar, 2023, hija ġusta u timmerita konferma. Qal li l-proċeduri odjerni huma dwar azzjoni li s-soċjetà appellanta għamlet kontra l-assikurat tagħha, l-appellat. Din hija azzjoni ta' rivalsa, wara li s-soċjetà appellanta għamlet tajjeb billi ħallset lit-terz danneġġjat. L-appellat qal li l-inċident inkwistjoni jmur lura għas-17 ta' April, 2012, u wara li saru l-proċeduri tal-arbitraġġ u ġie fi tmiemu l-appell, is-soċjetà appellanta għamlet tajjeb għad-danni sofferti mill-assikurat ta' Citadel Insurance plc. L-appellat qal li pernezz tal-proċeduri odjerni, is-soċjetà

appellanta qiegħda titlob li l-assikurat tagħha, jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnha, peress li hija qiegħda ssostni li l-polza ta' assikurazzjoni ma kienitx operattiva fil-mument tal-inċident, minħabba l-post fejn seħħ l-inċident awtomobilistiku.

22. L-appellat qal li azzjoni għar-riżarċiment tad-danni minn soċjetà assikurattiva, kontra l-assikuratur tagħha minħabba non-osservanza tal-polza ta' assikurazzjoni, hija waħda *ex contractu,* u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin. Qal li l-pern tal-appell huwa dwar il-punt minn meta l-perijodu ta' preskrizzjoni relattiv kellu jibda jiddekorri. Qal li l-ewwel darba li ġie ppreżentat att ġudizzjarju min-naħa tas-soċjetà appellanta fil-konfront tiegħu kien fit-30 ta' Ġunju, 2020, jiġifieri aktar minn tmien snin wara li seħħ l-inċident in kwistjoni. Qal li l-fatti tal-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd *vs.* Mario Seguna et** huma identiċi għall-fatti tal-kawża odjerna, jiġifieri azzjoni ta' rivalsa kontra l-assikurat tas-soċjetà assikurattiva minħabba inadempjenza tal-polza relattiva. Qal li fis-sentenza ta' Seguna, id-danni huma wkoll konsegwenza ta' inċident awtomobilistiku. Qal li l-punt kruċjali li jiddetermina jekk azzjoni hijiex preskritta jew le, huwa l-punt minn meta għandha tiddekorri l-preskrizzjoni. Qal li applikati l-prinċipji tas-sentenza Seguna għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, jirriżulta li l-inċident awtomobilistiku seħħ fis-17 ta' April, 2012, u s-soċjetà appellanta rċeviet mill-aġenzija assikuratriċi tat-terz informazzjoni dwar dan l-inċident fit-8 ta' Mejju, 2012, u dakinhar stess kitbet lill-appellat. Kompla jgħid li s-soċjetà appellanta ġiet notifikata b'ittra uffiċjali minn Citadel Insurance plc fis-27 ta' Marzu, 2013, u ġiet notifikata b'ittra uffiċjali ulterjuri fil-21 ta' Jannar, 2015, fejn flimkien mal-

ittra, is-soċjetà appellanta intavolat l-arbitraġġ kontra l-assikurat tagħha. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta intavolat l-ewwel att ġudizzjarju kontra tiegħu fit-30 ta' Ġunju tal-2020, liema att ġie rifjutat minnu fil-15 ta' Lulju, 2020, filwaqt li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġew intavolati fit-3 ta' Diċembru, 2020.

23. L-appellat temm jgħid li in vista ta' dawn il-fatti, u tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Appell, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Qal li dak rikjest mill-artikolu 2160 tal-istess Kodiċi dwar il-ġurament tiegħu, ġie sodisfatt ukoll permezz tad-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2022 u bl-*affidavit* tiegħu sabiex l-eċċezzjoni tiegħu tista' tirnexxi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u meta laqgħet din l-eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tapplika l-liġi b'mod skorrett.

*<u>L-Aggravju tas-soċjetà appellanta</u>*

25 . Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-*punctum temporis* minn meta beda għaddej it-terminu preskrittiv kien dakinhar li hija bħala soċjetà assikuratriċi saret taf bl-inċident awtomobilistiku li fih kien involut l-assikurat tagħha. L-Ewwel Qorti qalet li kien fil-mument li hija ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali mill-assikuratur tat-terz involut fl-inċident, li hija saret taf bil-kawża, u li **jista' jkun** (enfasi tal-Qorti) li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha. L-Ewwel Qorti fil-fatt insistiet li s-soċjetà appellanta ma kellhiex għalfejn tistenna l-eżitu tal-kawża jew li jkun sar il-pagament lit-terz, sabiex bħala soċjetà assikuratriċi tkun tista' tieħu azzjoni kontra l-assikurat tagħha. L-Ewwel Qorti sostniet li f'azzjoni ta' rivalsa, is-soċjetà assikuratriċi m'għandhiex għalfejn tistenna l-eżitu ta' azzjonijiet sussidjarji, iżda d-dritt li tipproċedi kontra l-assikurat tagħha jitwieled mill-mument li l-assikuratriċi ssir taf bl-inċident. Fil- każ odjern is-soċjetà appellanta qua assikuratriċi saret taf bl-inċident li kien involut fih l-appellat fit-8 ta' Mejju, 2012, u l-Ewwel Qorti qalet li l-appellanta ilha minn dakinhar taf li l-appellat ma kienx ser ikun kopert bil-polza tal-assikurazzjoni in vista taċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident in kwistjoni. Żiedet tgħid li minkejja dan, is-soċjetà appellanta bagħtet ittra uffiċjali lill-appellat fit-30 ta' Ġunju, 2020, filwaqt li fit-3 ta' Diċembru, 2020 tat bidu għall-proċeduri odjerni quddiem l-Ewwel Qorti. Kien in vista ta' dan li l-Ewwel Qorti qieset li l-azzjoni tas-soċjetà appellanta hija preskritta bit-trapass ta' żmien li għadda sabiex is-soċjetà appellanta ħadet azzjoni kontra l-assikurat tagħha.

26. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri minn meta sar il-ħlas lit-terz danneġġjat, u kien l-oneru tal-eċċipjent li jipprova li l-eċċezzjoni tiegħu tista' tirnexxi għaliex tissodisfa l-elementi kollha fil-liġi. Il-Qorti taqbel li d-determinazzjoni l-aktar importanti li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, u din il-Qorti warajha, kienet dwar il-*punctum temporis* meta skattat il-preskrizzjoni eċċepita mill-appellat. L-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jippreċiża li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tmiss din l-azzjoni. Minkejja li s-soċjetà appellanta kienet ġiet mgħarrfa bl-inċident li kien involut fih l-assikurat tagħha, u bil-fatt li l-polza tal-assikurazzjoni relattiva ma kinitx tkoprih in vista taċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, din ma setgħetx tibda l-azzjoni ta' rivalsa qabel ġie stabbilit darba għal dejjem, f'dan il-każ permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, min kien il-persuna li kellu jinżamm responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta ma kellha għalfejn tibgħat l-ebda ittra uffiċjali oħra lill-appellat sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha f'każ li l-assikurat tagħha jiġi misjub responsabbli għall-inċident li seħħ. Hawnhekk għandha raġun is-soċjetà appellanta tgħid li f'inċident awtomobilistiku wieħed, jista' jkun hemm diversi partijiet involuti, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern, u jista' jagħti l-każ li f'ċirkostanzi bħal dawn jitwieldu jeddijiet ta' azzjoni differenti bejn l-istess partijiet.

27. L-azzjoni odjerna hija waħda ta' rivalsa, u għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:

> "10 (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna

> assigurata bil-polza, dwar responsabbilità li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbilità koperta bil-kundizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilità fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."

28. Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-liġi jfisser li l-jedd ta' azzjoni tas-soċjetà assikuratriċi, hawnhekk l-appellanta, skatta biss fil-mument li ngħatat is-sentenza li ddeterminat darba għal dejjem min kellu jġorr ir-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku tas-17 ta' April, 2012, u b'hekk skatta fil-konfront tagħha l-obbligu li tagħmel tajjeb hi għad-danni sofferti mit-terz, bil-jedd ta' rivalsa kontra l-assikurat tagħha, hawnhekk l-appellat. Għaldaqstant, il-konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti, li s-soċjetà appellanta kien messha aġixxiet kontra l-appellat hekk kif ġiet notifikata bl-inċident, ma tirriflettix dak li jgħid dan id-dispost tal-liġi. Is-soċjetà appellanta qatt ma kienet mistennija li tieħu azzjoni ġudizzjarja fuq merament possibilità li hija tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz danneġġjat, iżda d-dritt li taġixxi kontra l-assikurat tagħha skatta biss hekk kif ġiet stabbilita darba għal dejjem ir-responsabbilità tal-assikurat tagħha, u hija kellha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz, wara li ġew ikkwantifikati dawn id-danni. Kien hemm biss li hija setgħet tintbagħat l-ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għal ħlas ta' dejn li huwa ċert, likwidu u dovut, u fl-ebda waqt ieħor qabel.

29. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli. Din il-Qorti tqis ukoll li meta wieħed jikkonsidra s-sekwenza tal-fatti kif seħħew, għandu jiġi stabbilit li ma leħaqx għadda il-perijodu preskrittiv stabbilit bil-liġi, u l-azzjoni tas-soċjetà appellanta għandha titqies li mhijiex preskritta, għaliex din setgħet tiġi eżerċitata biss wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri li ddeterminaw min għandu jerfa' r-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, u fl-ebda waqt ieħor. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-kawża tkun tista' tkompli tinstema' dwar il-mertu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell, billi tilqa' l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, tiddikjara li l-perijodu preskrittiv applikabbli ma laħaqx iddekorra, u għalhekk qiegħda tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**